MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Numru. 874/1999

**IL-PULIZIJA**

**(Sup. Lawrence Cutajar)**

**Vs**

**Tony (Anthony) sive Antoine Abela**

**Kump. Nru. 874/1999**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Tony (Anthony) sive Antoine Abela** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 109171(M), gie akkuzat :

1. talli fit-23 ta' Lulju 1999 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs inhar fl-ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kont taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt tracci ta' reat b'mod li setghu inbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai termini tal-Artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktra talli fit-23 ta' Lulju 1999 u fix-xhur ta' qabel, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik jew ghal haddiehor b'xi dokument mahsub ghal-xi awtorita pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz, billi wahhalt *set ta 'number plates* foloz (IAG 756) fuq vettura tal-ghamla Fiat 131 Beige numru tar-registrazzjini EAQ 228 (li kienet skrappjata), ai termini tal-artikolu 188 u 189 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi fuq imsemmija ghamilt falsifikazzjoni jew ghamilt uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassart u biddilt in-numru tax-Chassis tal-vettura ta' ghamla Fiat 131 Beige numru tar-registrazzjoni EAQ 228 (li kienet skrappjata) u minn floku wahhalt numru tax-chassis ta' vettura ohra ta'ghamla Fiat 131 ta' kulur ahdar (numru tar-registrazzjoni IAG 756) ai termini tal-artikoli 189 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi fuq imsemmija ghamilt falsifikazzjoni jew ghamilt uzu minn dokument iehor falsifikat billi wzajt *set ta' number plates* foloz (IAG 756) fuq vettura ohra ta' ghamla Fiat 131 Beige numru tar-registrazzjoni EAQ 228 li kienet skrappjata u dan ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikolu 15 (1B) u 18 tal-Oridinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fuq imsemmija minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija ghamilt, ordnajt jew gieghelt l-ghemil ta' xi tibdil fix-chassis tal-vettura ta' ghamla Fiat 131 Beige numru tar-registrazzjini EAQ 228 liema vettura kienet skrappjata u dan ai termini tal-Artikoli 17 u 91 tar-regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja li jinsab a folio 11 ta` l-atti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mghotija f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess 24 ta` Frar 2015 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Semghet is-sottomissjonijiet ta` l-ufficjal prosekutur u ta` l-imputat qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija ta` l-imputat li tinsab a folio 12 et seq, id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, u l-provi dokumentarji imressqa, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputat, anki jekk din ma tistax titqies bhala wahda daqstant bikrija. Qieset id-dikjarazzjoni ta` l-imputat fl-udjenza ta` llum stess fejn tindika talba cara ghall-klemenza partikolarment minhabba t-trapass taz-zmien.

Il-Qorti hi tal-fehema li l-aktar sanzjoni indikata ghal din il-kawza hija dik ikkontemplata taht l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 28A, 110(2), 188, u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17, 31 u 91 ta` l-A.L.128/1994, u l-Artikoli 15(1B) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta **issib lil Tony (Anthony) sive Antoine Abela hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u konsegwentement tikkundannah ghal piena ta` prigunerija ghal zmien disa (9) xhur izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` sentejn mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija**.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------